20/11/2018

**Philatelic issue – Joint stamp Issue with Kyrgyzstan**

On the 23rd of November 2018 MaltaPost and Kyrgyz Express Post (KEP) will be releasing a joint stamp issue, with the common theme being two UNESCO World Heritage sites. The issue consists of two stamps, one featuring the city of Valletta and the other, the Burana Tower in northern Kyrgyzstan.

Valletta, the capital of Malta, is a fortified city built in the 16th century, and is named after its founder, Jean Parisot de Valette,the Grand Master of the Order of St. John. The city is considered an architectural masterpiece and it is believed to be the first city in Europe to be built straight off the drawing board. On the other hand the Burana Tower is a minaret, built by the Karakhanids in the 9th Century. The tower was once part of the extraordinary ancient city of Balasagun, which was the capital of a great empire. The city was overrun by the Mongol troops and by the 14th century was left in disrepair.

Valletta was photographed by Paul Mizzi while the Burana Tower was photographed by Ivan Turkovskii.

Each stamp carries a face value of €1.16 and the issue consists of 4,000 sheets , with each sheet consisting of ten stamps each measuring 76mm by 20mm with a perforation of 13.6 x 14.0 (comb.) and the Maltese Crosses watermark. Each sheet measures 108mmx232mm

The issues will be available for sale from Friday 23rd November 2018 at all Post Offices in Malta and Gozo: online at www.maltaphilately.com or by mail from the Philatelic Bureau, MaltaPost p.l.c. 305, Qormi Road, Marsa, MTP 1001; Telephone: 2596 1740, email:info@maltaphilately.com

**Ħarġa ta’ bolli tal-pustaġġ flimkien ma’ Kirgiżtan**

Fit-23 ta’ Novembru 2018, MaltaPost u l-Posta ta’ Kirgiżtan se joħorġu ħarġa konġunta ta’ bolli bit-tema komuni ta’ żewġ siti ta' wirt dinji magħżula mill-‘United Nations Educational, Scientific and Cultural Organization’ (UNESCO). Il-bolla ta 'Malta tirrappreżenta l-Belt Valletta, il-belt kapitali ta' Malta filwaqt li il-bolla ta Kirgiżtan turi t-Torri Burana li jinsab fil-Wied ta 'Chuy fit-Tramuntana tal-Kirgiżtan.

Valletta, il-Belt Kapitali ta 'Malta, hija belt fortifikata li ġiet mibnija fis-seklu 16, u hija msemmija wara l-fundatur tagħha, il-Gran Mastru tal-Ordni ta' San Ġwann, Jean Parisot de Valette. Il-belt storika hija kapolavur arkitettoniku u hija meqjusa bħala l-ewwel belt fl-Ewropa li nbniet direttament minn fuq il-pjanta. Filwaqt li it-Torri Burana huwa minaret, mibni fis-Seklu 9 u kien jagħmel parti mill-belt storika u straordinarja ta 'Balasagun, li kienet il-belt kapitali ta' dan l-imperu kbir. Sas-seklu 14, din il-belt kienet ingħatat in-nar mit-truppi Mongoljani u tħalliet fi stat irreparabbli.

Ir-ritratt tal-Belt Valletta ġie meħud minn Paul Mizzi filwaqt li dak tat-Torri Burana ġie meħud minn Ivan Turkovskii.

Il-bolli għandhom valur ta €1.16 u l-ħarġa tikkonsisti f’ 4,000 folja. Is-sett se jinħareġ fuq folja ta’ għaxar bolli u d-daqs tal-bolla huwa ta’ 76mm x 20mm, b’ perforazzjoni ta’ 13.6 x 14.0 (comb.) b’ watermark bis-Slaleb ta’ Malta. Il-folja hija ta’ daqs 108mm x 232mm.

Il-ħarġa se tkun għall-bejgħ minn nhar il-Ġimgħa 23 ta’ Novembru 2018 mill-Fergħat Postali kollha. Ordnijiet jistgħu jsiru mis-sit elettroniku www.maltaphilately.com, bil-posta millPhilatelic Bureau MaltaPost p.l.c. 305, Triq Ħal Qormi, Marsa, MTP 1001, bit-telefon 2596 1740 jew permezz tal-e-mail: info@maltaphilately.com.